BIRKIRKARA

Minuti tas-Sitta u Tletin laqgha tas-Seba Kunsill Lokali Birkirkara li saret b'Urgenza fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis 23 ta' Lulju 2015 fis 6.30pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg |
| | Is-Sur Michael Fenech Adami (Assenti) |
| | Is-Sur Kaylocke Buhagiar |
| | Is-Sur Liam Gauci |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt (Assenti) |
| | Is-Sur Mark George Abdilla (Assenti) |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Herbert Conti |
| | Is-Sur John Mizzi |
| | Is-Sinjura Marie Claire Zammit |
| | Is-Sur John Borg (Assenti) |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sur Matthew Mangion (Assenti Skuzat) |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Dott. Francesca Zarb (Assenti Skuzata) |

**<u>L-Ufficjal:</u>**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, l-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, s-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur Herbert Conti, s-Sinjura Marie Claire Zammit, u s-Sur John Mizzi. Minn naha tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys Dott. Francesca Zarb kienet skuzata filwaqt li mil-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar kien hemm is-Sinjur Owen Attard. Ghal din il-laqgha ma' kienx hemm il-prezenza tal-publiku. Il-laqgha kienet ippreseduta mis-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech.

## 1. Talba

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet it-talba.

## 2. Kommunikazzjoni mis-Sindku

2.1 Is-Sindku qalet li din il-laqgha b'urgenza saret peress li kien sar l-interview ghal kariga tas-Segretarju Ezekuttiv u ghalhekk il-kunsill ried jikkonferma r-rakkomandazzjoni tal-bord tal-ghazla. F'dan l-istadju s-sindku talbet lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega x'kien gara dakinhar li sar l-interview. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Arthur Pizzuto qal li kien hemm erba applikazzjonijiet, fejn tlieta minnhom ma kienux elegibli, peress li biex wiehed seta japplika ghal din il-kariga wiehed ried ikun fil-pool tas-Segretarji Ezekuttivi jew ga kien segretarju f-lokalita ohra. Tlieta minn dawn l-applikazzjonijiet ma kienux jissodisfaw dawn il-kriterji ghalhekk kien baqa kandidat wiehed biss, li kien fil-pool tas-Segretarji Ezekuttivi kif ukoll kien ga serva bhala Segretarju Ezekuttiv fil-lokalita tal-Qrendi fil-passat. Huwa kien zam din il-kariga ghall- erba snin, illum jahdem ghall-kumpanija privata u xtaq li jerga jidhol fis-settur pubbliku. Bhala kwalifiki s-segretarju Ezekuttiv qal li din il-persuna kellha l-kwalifiki mehtiega. Hu zied jghid li s-Sur NeilSpiteri kienu gradwat mill-Universita ta' Malta fil Kommunikazzjoni kif ukoll kellu MBA. Barra minnhekk is-Sur Neil Spiteri kellu l-espejenza f'dan ix-xoghol peress li hu kien ga Segretarju Ezekuttiv. Meta hu gie mistoqsi mistoqsijiret mill-bord tal-ghazla, t-twegibiet tas-Sur Neil Spiteri kienu soddisfacenti ghalkhemm hu kien l-unika kandidat li seta jsirlu interview.

F'dan l-istadju ittiehed vot. Il-membri kollha prezenti ivvutaw favur li s-Sur Neil Spiteri ghandu jiehu post is-Sur Arthur Pizzuto bhala s-Segretarju Ezekuttiv l-gdid ghall-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

2.2 F’dan l-istadju s-Sidku infurmat lill-kamra li kellu jorog teander gdid b’urgenza. Dan kien it-tender ghal Street Furniture & Playing Equipment li ghandu jinhareg peress li certi bandli kienu jinsabu fi stat hazin u kienu ta’ periklu ghat-tfal.

2.3 Ghadha tinhareg ukoll kwotazzjoni ghal *non-return valve* li ghandu jehel l-isqaq li dejjem kien bil-problemi.

## 9 Gheluq

Il-laqgha spiccat fit-6.35 pm u giet aggornata ghall-nhar it-Tnejn, 3 ta’ Awwissu 2015 fis-6.30 pm gewwa l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta’ Birkirkara.

Arthur Pizzuto
Segretarju Ezekuttiv

Joanne Debono Grech
Sindku